MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 118/2014

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Marcella Mifsud**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Korporazzjoni Enemalta fejn esponiet u Eric Montfort (K.I. 270160M) bhala mandatarju specjali debitament awtorizzat bil-gurament ikkonferma:

Illi in forza tas-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-18 ta’ Novembru, 2004 (Avviz Nru 1201/04 PM) kif jidher mill-kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala Dokument “A” l-esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimata fis-somma komplessiva ta’ Lm242.04c (mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin u erba’ centezmi) li llum huma ekwivalenti ghal EUR 563.80 (hames mija u tlieta u sittin Ewro u tmenin centezmu), rapprezentanti danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici, oltre l-imghax legali u l-ispejjez gudizzjarji.

Illi l-intimata ghadha sallum ma hallset xejn minn dan l-ammont minnha dovut u l-esponenti ghandha interess illi tkompli tesegwixxi kontra l-intimata sabiex tottjeni l-hlas.

Illi minn dakinhar tas-sentenza sallum, lahqu ghaddew (5) hames snin u ghaldaqstant l-imsemmija sentenza ma hiex aktar esegwibbli hlief bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti a tenur tal-artikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tigi mitluba tordna l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-18 ta’ Novembru, 2004 u dana a tenur tal-artikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-intimata ma pprezentatx risposta ghalkemm giet debitament notifikata, izda dehret fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2014.

F’din is-seduta l-intimata infurmat lill-Qortli li wara li giet notifikata bir-rikors hija hallset lill-korporazzjoni rikorrenti is-somma ta’ hames mija, tlieta u sittin Euro u tmenin centezmu (€563.80), u ezebiet kopja tal-ircevuta relattiva.

Fl-istess seduta, Eric Montfort, rapprezentant tal-korporazzjoni rikorrenti, ikkonferma bil-gurament li sar dan il-pagament, pero qal li l-intimata ghad fadlilha thallas l-interessi u l-ispejjez.

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda, ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar fit-18 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet *"Korporazzjoni Enemalta vs Marcella Mifsud",* pero limitatament ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-ispejjez u l-interessi ordnati fl-istess sentenza.

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu subiti mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------